FGURA

Minuti tas-Sebgħa laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum l-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2009 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara` KLJ |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A.Degiovanni |
| **Kunsillieri**: | Is-Sur C.Bonello<br>Is-Sur B.Camilleri<br>Is-Sur S Camilleri<br>Is-Sinjura R.Cutajar<br>Is-Sur P.Dalli<br>Is-Sur A.Debono<br>Is-Sur M.Lombardo |
| **Deputat Segretarju:** | Is-Sur K.Borg |

Is-Sur C.Bonello kien avża li ma setax jattendi għall-laqgħa.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1 Approvazzjoni ta' Minuti

1.01 **Minuti tal-Laqgħa 11 ta' Novembru 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Novembru 2009.

1.02 Is-Sur P.Dalli talab korrezzjoni f'paragrafu 7.09 wara l-kliem "Is-Sur P.Dalli qal li l-idejali" tiżdied il-kelma "jkun".

1.03 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tal-laqgħa tal-11 ta' Novembru 2009 hekk kif korretti.

1.04 Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

1.05 **Minuti tal-Laqgħa 17 ta' Novembru 2009** – Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgħa tas-17 ta' Novembru 2009.

1.06 Il-minuti tal-laqgħa kienu approvati nem con.

## 2. Korrispondenza

2.01 Il-Viċi-Sindku ressaq il-korrispondenza numru 201 għad-diskussjoni.

2.02 Wara diskussjoni l-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2590/09/6 "Li dan il-Kunsill jitlob laqgħa ta' informazzjoni ma' l-awtoritajiet konċernati sabiex ikunu nfurmati dwar il-Proġetti tat-toroq Triq il-Bieb/Foss, u Bieb is-Sultan sal-Kalkara". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2590/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur P.Dalli ivvutaw favur u s-Sur A.Debono u s-Sur M.Lombardo vvutaw kontra.

2.03 Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2591/09/6 "Li dan il-Kunsill jagħmel laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-Fgura dwar l-impatt tal-Proġetti ta' Toroq arterjali wara li l-Kunsill ikun infurmat sabiex tkun tista tifforma s-sottomissjoni tal-Kunsill b'referenza għall-mozzjoni preċedenti". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2591/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur P.Dalli ivvutaw favur u s-Sur A.Debono u s-Sur M.Lombardo vvutaw kontra.

2.04 Il-Viċi-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2592/09/6 "Li dan il-Kunsill jorganiżża laqgħa pubblika ta' konsultazzjoni mar-residenti ta' Triq il-Bieb u Triq il-Foss u Triq Ħompesch u Vjal Kottoner ħalli l-Kunsill ikun jaf ir-reazzjoni tar-residenti dwar l-impatt tal-iżvilupp fuq ir-residenzi tagħhom, b'referenza għall-mozzjoni ta' qabel". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2592/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur P.Dalli ivvutaw favur u s-Sur A.Debono u s-Sur M.Lombardo vvutaw kontra.

2.05 Il-Viċi-Sindku ressaq korrispondenza numru 90 għad-diskussjoni. Il-Website ġiet aġġornata mid-Deputat Segretarju.

2.06 Il-Viċi-Sindku ressaq il-korrispondenza numru 128 u numru 181 għad-diskussjoni. Il-Kunsill qabel li jadotta l-istima skond is-siegħat maħduma.

2.07 Is-Sur B.Camilleri ressaq il-korrispondenza numru 201 għad-diskussjoni. Wara d-diskussjoni s-Sur B.Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2593/09/6 "Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Adults on the Move tal-KMS għal 30 parteċipant, għal spiża ta' mhux aktar min €560". Din kienet sekondata mis-Sinjura R.Cutajar. Il-mozzjoni ref: 2593/09/6 kienet approvata nem con.

## 3. Approvazzjoni Purchase Request Forms

3.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2594/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-Purchase Request Forms annessi". Din kienet sekondata mill-Viċi-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2594/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur P.Dalli u s-Sur M.Lombardo vvutaw favur u s-Sur A.Debono vvota kontra.

3.02 Il-Viċi-Sindku talab kjarifika lis-Sindku biex ikun jaf fuq liema pagament/pagamenti, jekk huwa l-każ, li s-Sur A.Debono vvota kontra, jew inkella huwiex kontra l-pagamenti kollha u f'dan il-każ x'inhi r-raġuni biex jekk hemm xi ħaġa ħażina l-Kunsill kollu għandu jkun infurmat. Is-Sur A.Debono qal li din hija raġuni personali.

## 4. <u>Approvazzjoni Ħlasijiet</u>

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 2595/09/6 "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet annessi bl-eċċezzjoni tal-pagament tal-V&C Contractors Ltd li jingħaddu €10,000". Din kienet sekondata mil-Viċi-Sindku.

4.02 Il-mozzjoni ref: 2595/09/6 kienet approvata. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku, s-Sur B.Camilleri, s-Sur S.Camilleri, s-Sinjura R.Cutajar, s-Sur P.Dalli vvutaw favur. Is-Sur A.Debono u s-Sur M.Lombardo astjenew.

## 5. <u>Komunikazzjoni mis-Sindku</u>

5.01 Is-Sindku nforma li kien hemm xi ittri neqsin fuq il-monument ta' George Stevens. L-ispiża biex dawn jinxtraw hija ta' €95. Il-Kunsill qabel li jinxtraw.

5.02 Is-Sindku ressaq ittra mill-Għaqda Delettanti tal-Armar tal-Ġimgħa l-Kbira Madonna Addolorata biex tingħata għajnuna finanzjarja. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li minħabba li mhuwiex fit-8 skeda din ma tistax tingħata.

5.03 Is-Sindku nforma li t-Tabiba Smith La Rosa f'isem l-Għaqda Ħbieb Sptar Monte Carmeli nfurmatu li hemm proposta li din l-NGO tibda tagħti s-servizzi tagħha fil-Fgura fejn anke offiret li titħallas xi kerha għal premises minn fejn tkun tista topera. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li din għandha tiġi kkunsidrata jew billi ssir espansjoni tal-clubhouse u anke tiġi kkunsidrata fil-ħruġ li jmiss għas-show of interest ta' kiri ta' propjeta fil-Fgura.

5.04 Is-Sindku staqsa kif bqajna fuq il-Ġnien u l-estensjoni tal-Librerija. Is-Sur S.Camilleri ppropona li minħabba li l-Perit naqas li jlesti x-xogħol mitlub minnu, tinħareġ default notice skond il-kuntratt. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal Memo 82/2009.

5.06 Is-Sindku qal li kellu talba mill-ħanut Cut Coiffeur biex jirriżervaw seba' parking spaces u jordnaw gwardjan għall-attivita' li l-istess ditta ser torganiżża. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

5.07 Is-Sindku ressaq ittra mibgħuta mill-Parroċċa Madonna tal-Karmnu, Fgura fejn issuġġerew li l-lokalita' tal-Fgura tingħata motto uffiċjali. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li l-motto għandu jkun "Minn Xbiehetek Ħadt Ismi".

5.08 Is-Sindku staqsa jekk għandniex permess tal-Koptasin sabiex issir iż-żebgħa tal-art fi Triq Wistin Levanzin wara li jitlesta x-xogħol ta' tarmac. Il-Kunsill approva unanimament.

**6. <u>Mozzjonijiet</u>**

6.01 Is-Sinjura R.Cutajar ressqet mozzjoni ref: 2589/09/6 "Sabiex dan il-Kunsill japplika ma l-Enemalta sabiex issir bozza ġdida fi Triq Valperga wara Triq Ċensu Busuttil bi spiża ta mhux aktar minn €400". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2589/09/06 kienet approvata nem con.

**7. <u>Approvazzjoni ta' Budget u Business Plan</u>**

7.1 Is-Sindku qal li dan għandu jiġi diskuss laqgħa oħra.

**8. <u>Memo 42/2009 – Jiem Maltin – Festival tar-Raħħala</u>**

8.1 Is-Sindku nforma li l-Kunsill Lokali tal-Fgura rċieva s-somma ta' €5,000 bħala għajnuna għal attivita li ser jorganiżża. Għalhekk il-budget kollu għal din l-attivita' ser ikun ta' €10,000. Aktar dettalji jingħataw f'laqgħat oħra.

**9. <u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm u kienet aġġornata għat-13 ta' Jannar 2010 fis-6.30pm.

___________________ ___________________

Sindku Segretarju